MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 89/2010

**Michael Schembri**

**vs**

**Vincent Attard u Kevin Attard**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tal-attur li biha, ppremetta:

Illi l-konvenuti kkomissjonaw lill-esponent biex jaghmel sub-appalt konsistenti f'xoghol ta' turgien ta' l-irham u sollijiet bil-prezz kumplessiv ta' sbatax il-elf, seba' mija u tmienja u sittin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€17,768.46) u dan kif jidher mill-fattura mmarkata dokument A.

Illi fis-16 ta' Dicembru, 2008 il-konvenuti hallsu lill-esponent is-somma ta' elfejn Ewro (€2000) in akkont, u

fis-26 ta' Frar, 2009 is-somma ta' elfejn (€2000) in akkont u ghalhekk baqa' bilanc ta' tlettax il-elf, seba' mija u tmienja u sittin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€13,768.46).

Illi l-konvenuti interpellati kemm bonarjament u kif ukoll ufficjalment sabiex ihallsu l-bilanc dovut dawn baqghu inadempjenti.

Illi dan huwa wiehed mill-kazijiet kontemplati mill-Artikolu 167 (1) (a) tal-Kodici ta' l-Organizzazjoni u Proceduri Civili u ghal dan il-ghan l-esponent jiddikjara u jikkonferma illi fil-fehma tieghu d-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet validi xi jressqu, u qieghed prezenzjalment jikkonferma li l-fatti hawn fuq imsemmija huma a konnoxjenza tieghu personalment permezz ta' l-affidavit mmarkat dokument B.

Talab illi din il-Qorti:

1. Tiddeciedi il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-artikolu 167 (1) (a) tal-Kodici ta' l-Organizzazjoni u Procedura Civili;

2. Tordna lill-intimati sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta' tlettax il-elf, seba' mija u tmienja u sittin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€13, 768.46), bilanc ta' somma akbar rapprezentanti xoghol ta' turgien ta' irham u sollijiet.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-23 ta' Ottubru, 2009, ta' l-ittra ufficjali ta' l-10 ta' Novembru, 2009, tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment, u bl-imghax legali mis-27 ta' Frar, 2009 id-data ta' l-ahhar pagament in akkont kontra l-konvenuti.

Rat illi l-attur biddel it-talba dwar l-imghax fis-sens li dan jibda jghaddi mill-21 ta' Frar, 2010;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-attur;

Rat illi l-konvenuti ammettew it-talba kif mibdula;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba tal-attur tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur kif maghmula fir-rikors mahluf bl-ispejjez kontra l-konvenuti, b'dan illi l-imghax jibda jghaddi mill-21 ta' Frar, 2010.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------